MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2012

Numru. 101/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Dave Delia, Juan Schiavone, Antoine Zammit**

**Illum 30 ta' Jannar 2012**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

1. **Juan Schiavone** ta' 16-il sena, iben missier mhux maghruf u Connie *nee'* Schiavone, imwieled Pieta nhar is-26 t' April 1995, detentur tal-karta ta'l-identita numru 184595(M) u residenti gewwa Blk 4, Flt 4, Sqaq San Lazzru, Bormla;
2. **Antoine Zammit** ta' 15-il sena, iben Raymond u Connie *nee'* Graham, imwieled Pieta nhar il-5 ta' Settembru 1996, detentur tal-karta ta' l-identita numru 406296(M) u residenti gewwa 9, Triq l-Irlandizi, Bormla;
3. **Dave Delia** ta' 17-il sena, iben Michael u Carmela *nee'* Zammit, imwieled Pieta nhar is-27 ta' Settembru 1994, detentur tal-karta ta' l-identita numru 420994(M) u residenti gewwa 58, Triq Santa Liena Bormla; u nakkuzhom;

- Illi f' diversi cirkostanzi, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' roti liema serq, li sar ghad-detriment, ta' Thomas Attard b'numru ta' l-identita 128770M kif ukoll ta' Desmond Mizzi numru tal-karta ta' l-identita 465463(M) u/jew persuni ohra, kif ukoll huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn €232.94 imma mhux aktar minn €2,329.37;
- Akkuzati wkoll talli fl-istess dati lok u cirkostanzi xjentement ghenu jew assistew lill-awtur jew lil awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat;

Rat l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta' l-akkuzati;

Semghet l-ammissjoni bikrija ta' l-akkuzati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Rat l-artikoli 267 u 279 tal-Kap 9 u l-artikolu 22 tal-Kap 446;

Invista ta' l-ammissjoni ta' l-akkuzati, il-Qorti qed issib lill-akkuzati hatja u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlu l-ebda reat iehor fi zmien sena (1) millum.

Il-Qorti qeghda wkoll ghal dak li jirrigwarda lil Antoine Zammit invista ta' l-ammissjoni tieghu illi seraq ir-rota ta' Thomas Attard qed tordna lil istess Antoine Zammit sabiex ihallas lura l-valur ta' l-istess rota sa zmien sena millum wara illi l-istess Thomas Attard jghaddi ricevuta tal-valur tar-rota lilu misruqa.

Ghal dak li jirridwarda lil Dave Delia invista ta' l-ammissjoni tieghu li huwa seraq ir-rota ta' Desmond Mizzi l-Qorti qed tordna lill-istess Dave Delia li ghandu jhallas lil Desmond Mizzi l-valur tar-rota misruqa lilu u dan fi zmien sena millum wara li l-istess Desmond Mizzi jipprezenta ricevuta tar-rota li nsterqitlu.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------